MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2017

Rikors Maħluf numru: 6/16LM

**Joseph Gatt (K.I. 975850M)**

***vs.***

**Mariella Gatt (K.I. 291861M)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Joseph Gatt** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fis-6 ta' Jannar, 2016, li jgħid:

1. *Illi permezz ta' sentenza ċitazzjoni numru 665/2002 fl-ismijiet* ***Mariella Gatt vs. Joseph Gatt*** *deċiża fit-8 ta' Ġunju, 2011 – Dok A*[1] *il-Qorti tal-Familja, f'sentenza ta' separazzjoni, fost l-oħrajn, xoljiet il-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejn il-partijiet;*

2. *Illi l-attur beda għaddej b'proċeduri ta' falliment fis-sena 2001, kif jidher mill-atti tal-falliment numru 1599/2001. Illi bħala parti minn dawn il-proċeduri, ġie ordnat l-bejgħ in subbasta ta' immobbli tal-attur sabiex jitħallsu l-kredituri tal-attur fil-falliment;*

3. *Illi wara li tħallsu l-kredituri, l-attur ippreżenta rikors sabiex ikun jista' jiżbanka l-bilanċ tal-flus li baqa' depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti, li kienu jammontaw għal mija u tletin elf euro (€130,000);*

4. *Illi wara li l-Qorti kienet ordnat sabiex l-konvenuta tiġi nnotifikata b'dan ir-rikors, hija opponiet għar-rikors ta' żbank tar-rikorrenti, stante illi hija ppretendiet, illi nofs dan l-ammont huwa dovut lilha u dan taħt ir-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti li però kif intqal aktar 'l fuq spiċċa fit-8 ta' Ġunju, 2011;*

5. *Illi permezz ta' digriet datat 19 ta' Ottubru, 2015 – Dok B*[2] *l-ewwel nett ġie ddegretat illi l-konvenuta kellha d-dritt li tirċievi nofs dan l-ammont u t-tieni nett ġie ordnat illi sabiex l-attur ikun f'pożizzjoni illi jiżbanka dak li huwa dovut lilu, jiġifieri ħamsa u sittin elf euro (€65,000), kellu jippreżenta dikjarazzjoni li huwa kien qed jaċċetta li nofs l-ieħor kien jispetta lill-konvenuta;*

6. *Illi permezz ta' rikors datat 23 ta' Ottobru, 2015, ir-rikorrent talab sabiex d-digriet li ngħata fid-19 ta' Ottubru, 2015 jiġi revokat "contrario imperio". Illi permezz ta' digriet datat 30 ta' Novembru, 2015 – Dok C*[3] *il-Qorti ċaħdet t-talba tar-rikorrent;*

7. *Illi stante li l-attur, kien u għadu f'pożizzjoni finanzjarja mhux faċli, u kellu idejh marbutin, huwa ppreżenta din d-dikjarazzjoni iżda taħt protest u b'riżerva għal kull dritt ta' azzjoni li huwa seta' jieħu fil-konfront tal-konvenuta – Dok D*[4]*;*

---

[1] *A fol.* 5 sa 15 tal-proċess.
[2] *A fol.* 16 tal-proċess.
[3] *A fol.* 17 tal-proċess.
[4] *A fol.* 18 tal-proċess.

*8. Illi jirriżulta mingħajr ebda dubju li s-sentenza ta' separazzjoni ffinalizzat l-kwistjoni kollha dwar l-komunjoni tal-akkwisti u stante li din ġiet xolta b'tali sentenza, l-konvenuta qatt ma jista' jkollha l-ebda dritt għal dan l-flus;*

*9. Illi l-pretensjoni tal-konvenuta hija illegali u abbużiva u qiegħda tikkrea preġudizzju kbir lill-attur;*

*10. Illi stante għal dan it-tip ta' digriet, l-uniku mod li jista' jiġi kkontestat huwa permezz ta' rikors ġuramentat, l-attur ma kellux triq oħra ħlief li jiftaħ din il-kawża;*

*Għaldaqstant tgħid il-konvenuta għaliex din il-Onorabbili Qorti m'għandhiex:*

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-komunjoni tal-akkwisti ġiet terminata u xolta bħala konsegwenza tas-sentenza ċitazzjoni nurmu 665/2002 fl-ismijiet* ***Mariella Gatt vs. Joseph Gatt*** *deċiża fit-8 ta' Ġunju, 2011;*

ii. *Tiddikjara illi bħala konsegwenza tal-ewwel talba l-konvenuta m'għandha l-ebda dritt illi titlob nofs il-bilanċ li għadu ddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti bħala riżultat tal-bejgħ in subbasta numru 18/2014;*

iii. *Tirrevoka d-digriet datat 19 ta' Ottubru, 2015, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-atti tal-bejgħ bl-irkant 18/2014;*

*Bil-ispejjeż u l-imgħax legali.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Mariella Gatt** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta") ippreżentata fit-9 ta' Frar, 2016, fejn ingħad:

1. *Preliminarjament illi dawn il-proċeduri jidhru li ġew inizjati sabiex din il-Qorti tħassar id-digriet mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta fl-atti tal-bejgħ tal-irkant numru 18/14 fl-ismijiet Joseph Gatt vs. X u ċioè d-digriet mogħti f'dawn il-proċeduri mill-Imħallef Anthony Ellul fid-19 ta' Ottubru, 2015 però ma saret l-ebda talba biex dan id-digriet jiġi mħassar u għalhekk it-talbiet*

*tal-attur f'dawn il-proċeduri huma rritwali u nulli u għandhom jiġu miċħuda kontra tiegħu.*

*2. Mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni u in via preliminari wkoll m'hemm l-ebda dikjarazzjoni jew deċiżjoni li għandha tingħata minn* (recte) *din il-Qorti dwar it-terminazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-kontendenti billi din diġà ġiet iddikjarata bħala xolta fis-sentenza msemmija mir-rikorrenti fir-rikors tiegħu u għalhekk din il-Qorti għandha tastjeni milli tagħmel kwalunkwe dikjarazzjoni jew deċiżjoni f'dawn il-proċeduri.*

*3. Mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal supra l-konvenuta għandha kull dritt titlob nofs il-bilanċ li għadu ddepożitat il-Qorti mir-rikavat tal-prezz tal-bejgħ in subbasta numru 18/14 u dana kemm għar-raġunijiet imsemmija minn din il-Qorti f'dawn il-proċeduri fid-digriet tagħha tad-19 ta' Ottubru, 2015 kif ukoll minħabba r-raġunijiet kollha msemmija fir-risposti li għamlet l-eċċipjenti f'dawk il-proċeduri u senjatament ir-risposta tagħha tal-31 t'Awwissu, 2015 u dak tat-12 ta' Novembru, 2015 li qed jiġu hawn annessi u għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti integrali ta' din ir-risposta ġuramentata a skans ta' repetizzjoni inutili bħala Dokument A*[5] *u Dokument B*[6] *rispettivament kif qed jiġu annessi wkoll ma' din ir-risposta bħala Dokument C*[7] *kopja tal-atti tas-subbasta fuq riferita bid-diversi digrieti mogħtija mill-Imħallef Anthony Ellul fejn fihom ingħataw ir-raġunijiet kollha għaliex din il-Qorti kienet korrettement iddeċidiet illi r-rikavat li baqa' wara l-bejgħ in subbasta inkwisjoni kien jappartjeni b'mod indaqs bejn il-kontendenti u bl-ebda mod ma seta' jiġi kkunsidrat li kien jappartjeni unikament għall-attur.*

*4. Salv kull eċċezzjoni ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

---

[5] *A fol.* 30 sa 31 tal-proċess.
[6] *A fol.* 32 sa 35 tal-proċess.
[7] *A fol.* 36 sa 43 tal-proċess.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat id-dokumenti li jinsabu esebiti in atti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-15 ta' Frar, 2017, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Il-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża li kellhom il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom xolta b'permezz ta' kawża ta' separazzjoni personali deċiża fit-8 ta' Ġunju, 2011[8], hija rigward somma ta' €130,000 depożitata l-Qorti, bilanċ li kien fadal mill-bejgħ b'subbasta numru 18/2014 ta' Villa Harmony, De Paule Avenue, Ħal Balzan, konsistenti f'*basement* u terran, wara li ġew sodisfatti l-krედituri tal-istess attur (minn issa 'l quddiem "il-proprjetà mibjugħha b'subbasta").

[8] **Mariella Gatt *vs.* Joseph Gatt**, Ċitazz. Nru. 665/2002/1.

Illi l-attur qed jippretendi li din is-somma għandu joħodha kollha hu minħabba li, skont hu, il-komunità tal-akkwisti bejn il-partijiet kienet diġà ġiet xolta bis-sentenza fuq imsemmija meta il-proprjetà ġiet mibjugħha b'subbasta u peress li din il-villa effettivament inbniet, veru waqt iż-żwieġ tal-kontendenti, però fuq art li kienet tappartjeni lill-ġenituri tal-attur qabel iż-żwieġ u ma kinitx għaldaqstant tagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Illi effettivament l-attur kien għaddej minn proċeduri ta' falliment[9] u bħala parti minn dawn il-proċeduri kien ġie ordnat il-bejgħ b'subbasta tal-proprjetà imsemmija. Meta l-attur talab b'rikors li jsir l-iżbank tas-somma ta' €130,000 li ġiet depożitata wara li kienu tħallsu l-kredituri tal-attur, il-konvenuta odjerna opponiet għall-iżbank minħabba li qiegħda tippretendi li nofs din is-somma kellha tingħata lilha bħala sehemha mill-komunità tal-akkwisti. Il-Qorti kienet iddegretat[10] illi l-attur seta' jiżbanka biss nofs din is-somma li jifdal wara li jkunu tħallsu l-kredituri, spejjeż ġudizzjarji u taxxa u wara li l-attur ikun ippreżenta dikjarazzjoni ffirmata li l-konvenuta odjerna għandha dritt tiżbanka n-nofs l-ieħor li jkun fadal.

Illi l-attur reġa' ppreżenta rikors biex jiġi mwaqqa' dan id-digriet *contrario imperio,* pero' l-Qorti[11] caħdet it-talba għal żewġ raġunijiet –

[9] Atti tal-falliment numru 1599/2001.
[10] Presjeduta mill-Onor. Imħallef Anthony Ellul - digriet tad-19 ta' Ottubru, 2015.
[11] Presjeduta mill-Onor. Imħallef Anthony Ellul – digriet tat-30 ta' Novembru, 2015.

(i) l-ewwel waħda fil-mertu stante li l-proprjetà kienet *prima facie* parti mill-komunità tal-akkwisti u s-sentenza tat-8 ta' Ġunju, 2011, meta rriferiet għall-immobbli, kienet qed tirreferi għal dawk l-immobbli li fid-data tas-sentenza kienu diġà nbiegħu b'subbasta biex jagħmlu tajjeb għall-kredituri tal-attur mill-proprjetà tal-komunjoni tal-akkwisti, u din il-proprjetà dak iż-żmien kienet għada ma nbiegħetx b'subbasta; (ii) it-tieni waħda ta' natura proċedurali stante li l-Qorti kkunsidrat li d-digriet li kienet tat preċedentement, ċjoè tat-19 ta' Ottubru, 2015, ma kienx digriet li ngħata waqt is-smigħ tal-kawża ta' falliment jew separazzjoni u għalhekk ma setax jintalab li jiġi rivedut b'sempliċi rikors a tenur tal-artikolu 229(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi kien għalhekk li l-attur fis-6 ta' Jannar, 2016 fetaħ din il-kawża biex jattakka d-digriet tat-19 ta' Ottubru, 2015 fl-atti tal-bejgħ bl-irkant numru 18/2014. Iżda qabel, fit-3 ta' Diċembru, 2015, l-attur, minħabba li allega li kien f'pożizzjoni finanzjarja ħażina u kellu bżonn il-flus, għamel id-dikjarazzjoni ordnata mill-Qorti fl-ewwel digriet, u ċjoè li l-konvenuta setgħet tiżbanka nofs ir-rikavat li kien fadal mill-bejgħ in subbasta 18/2014, però għamel riżerva, li din kienet qed issir taħt protesta u b'riżerva għal kull azzjoni li kellu dritt jieħu kontra l-mara tiegħu, ċjoè l-konvenuta, liema azzjoni ssarfet fil-kawża odjerna.

Illi min-naħa tagħha l-konvenuta tikkontendi li l-istess sentenza fuq imsemmija li ppronunzjat is-separazzjoni personali tal-partijiet ma kinitx

iddeċiediet fuq il-proprjetà inkwistjoni u fil-fatt din il-proprjetà kienet parti mill-komunjoni tal-akkwisti stante li mhux biss il-proprjetà nbniet waqt iż-żwieġ iżda anki l-art, li fuqha inbniet il-villa, inxtrat mill-attur waqt iż-żwieġ ukoll u għaldaqstant nofs is-somma biss setgħet tiġi żbankata favur l-attur, waqt li n-nofs l-ieħor għandu jiġi żbankat mill-konvenuta.

Illi fir-Rikors Maluf l-attur għalhekk qed jitlob (1) dikjarazzjoni li l-komunità tal-akkwisti ġiet xolta permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Familja fuq imsemmija tat-8 ta' Ġunju, 2011; (2) dikjarazzjoni li għaldaqstant l-konvenuta m'għandha ebda dritt għal nofs il-bilanċ li fadal wara l-bejgħ b'subbasta numru 18/2014 u (3) li tirrevoka d-digriet fuq imsemmi tad-19 ta' Ottubru, 2015.

Illi min-naħa l-oħra l-konvenuta tilqa' billi (1) titlob il-Qorti tiddikjara n-nullità ta' dawn il-proċeduri minħabba li mhux qed jintalab fl-ewwel lok it-tħassir tad-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2015; (2) tgħid li ma tistax issir dikjarazzjoni tax-xoljiment tal-komunità tal-akkwisti li kienet diġà xolta bis-sentenza ta' separazzjoni personali tat-8 ta' Ġunju, 2011; u (3) tirreferi għar-raġunijiet li hija kienet tat (i) qabel id-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2015 u ċjoè li fis-sentenza ta' separazzjoni personali ma ttieħdet ebda deċiżjoni fuq il-proprjetà inkwistjoni u din il-proprjetà li nbiegħet b'subbasta kienet għadha tappartjeni lilha u lill-attur u l-bilanċ tar-rikavat kellu jinqasam nofs bin-nofs bejniethom u (ii) qabel id-digriet tat-30 ta' Novembru, 2015 u ċjoè fejn il-konvenuta reġgħet tenniet li s-

sentenza ta' separazzjoni personali ma għamlet ebda riferiment għal din il-proprjetà, tant li dak iż-żmien kien ġie dikjarat li ma kinux jeżistu aktar assi fil-komunjoni, l-immobbli li ssemmew kienu diġà mibjugħin dak iż-żmien, biex jagħmlu tajjeb għad-dejn tal-kredituri, liema krediti l-Qorti ddikjarat li kienu jinkombu fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti u li effettivament l-attur odjern f'dak ir-rikors ma ġab ebda prova li l-proprjetà li nbiegħet (mertu ta' din il-kawża) ma kinitx tal-komunità tal-akkwisti, meta din kienet mibnija waqt iż-żwieġ u fuq art mixtrija wkoll waqt iż-żwieġ tal-partijiet.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Illi min-naħa tal-attur **Joseph Gatt**, apparti d-dokumenti ppreżentati mar-Rikors Maħluf, u ċjoè kopji tas-sentenza ta' separazzjoni personali tat-8 ta' Ġunju, 2011, tal-ewwel digriet tad-19 ta' Ottubru, 2015, tat-tieni digriet tat-30 ta' Novembru, 2015, tad-dikjarazzjoni li l-attur għamel skont l-ewwel digriet taħt protesta u bir-riżerva li diġà ssemmiet aktar 'il fuq, ippreżenta wkoll affidavit[12] fejn iddikjara li l-art li fuqha ġiet mibnija Villa Harmony, De Paule Avenue, Ħal Balzan li ġiet mibjugħa bis-subbasta 18/2014, kienet art parafernali tiegħu. Fl-affidavit tiegħu l-attur isemmi wkoll li l-oġġetti prezzjużi li kellu mill-wirt tal-familja tiegħu[13] kien biegħhom kollha biex seta' jrabbi u jeduka t-tfal tagħhom li

[12] *A fol.* 48 sa 51 tal-proċess.
[13] Li kienu ġew ordnati li jingħataw lura lilu mill-konvenuta odjerna bis-sentenza ta' separazzjoni personali msemmija.

baqgħu jgħixu miegħu, filwaqt li l-konvenuta li kienet taħdem u kienet tieħu ċ-*children's allowances* tat-tfal, qatt ma kkontribwiet għall-manteniment tat-tfal. Apparti dawn il-fatti, il-kumplament tal-affidavit tal-attur kien jikkonsisti f'reżokont tas-sentenza u tad-digrieti fuq imsemmija u l-interpretazzjoni tagħhom min-naħa tal-attur.

Illi in kontroeżami però, l-istess attur[14], meta ġie konfrontat bl-affidavit tal-konvenuta u d-dokumenti esebiti minnha, li kienu effettivament juru li l-art fejn inbniet il-villa kienet inxtrat mingħand terzi waqt iż-żwieġ tal-kontendenti, l-attur ittenta jispjega li effettivament l-art kienet tappartjeni lil missieru, però xi ħadd kien ta parir lil missieru biex ma jħallihiex b'donazzjoni diretta lilu, imma jgħaddiha lill-qraba tiegħu, ċerti konjuġi Schembri u meta r-raġel miet, u baqgħet ħajja l-armla Schembri, li tiġi kuġina tal-attur, din reġgħet għaddietha lilu u skont hu ma għaddewx flus kutrarjament għal dak li juri l-kuntratt ta' bejgħ. Imma meta l-Qorti staqsiet lill-attur għalfejn kien ġara dan, l-attur stess ma kienx jaf iwieġeb. Li hu ċert hu li effettivament l-art mhux veru kienet għadha, jekk qatt kienet, tappartjeni l-assi parafernali tal-attur iżda għal kull buon fini nxtrat mingħand terzi waqt iż-żwieġ tal-partijiet. Mistoqsi wkoll mill-avukat tal-konvenuta jekk l-konvenuta fiż-żwieġ kinitx tikkontribwixxi għan-negozju u tgħin lill-attur, li kien maestro tal-mużika, dan għall-ewwel stqarr li ftit li xejn, però waqt il-kontroeżami beda jammetti li pereżempju li kienet tgħinu fl-attivitajiet tal-kunċerti u attivitajiet oħra meta ma kienx ilaħħaq, kienet tgħinu fil-fabbrika tal-

[14] *A fol.* 62 sa 74 tal-proċess.

għaġin li kellhom qabel ma falliet, meta kien ikun imsiefer, imma jispiċċa biex jgħid li kien dover tagħha li tgħin bħal f'kull koppja miżżewġa.

Illi min-naħa tagħha l-konvenuta **Mariella Gatt** ippreżentat affidavit[15] fejn annettiet iċ-ċertifikat taż-żwieġ tagħha datat 1 ta' Ġunju, 1979[16] u l-kuntratt ta' xiri tal-art inkwistjoni li fuqha nbniet waqt iż-żwieġ tal-kontendenti, Villa Harmony, De Paule Avenue, Ħal Balzan, liema kuntratt ta' xiri ta' art kien sar fil-25 ta' Awwissu, 1980[17]. Il-kumplament tal-affidavit tagħha kien, bħal tal-attur, aktar interpretazzjoni tas-sentenza u tad-digrieti, milli affidavit dwar fatti.

## Kunsiderazzjonijiet fattwali

Illi mill-fatti jirriżulta mingħajr dubju li l-proprjetà Villa Harmony, De Paule Avenue, Ħal Balzan inbniet fuq art li nxtrat waqt iż-żwieġ tal-kontendenti u ovvjament inbniet ukoll waqt iż-żwieġ tagħhom. Għaldaqstant din il-proprjetà li nbiegħet b'subbasta biex jitħallsu minnha l-kredituri tan-negozju tal-attur, li wkoll kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti, kienet tappartjeni lill-istess komunjoni tal-akkwisti u l-bilanċ li kien fadal mir-rikavat għandu jitqies bħala appartenenti nofs bin-nofs lill-attur u lill-konvenuta, dak li fid-digriet tad-

[15] *A fol.* 55 u 56 tal-proċess.
[16] *A fol.* 59.
[17] *A fol.* 57 u 58.

19 ta' Ottubru, 2015 din il-Qorti kif diversament preseduta ddiskrivietu hekk:

> "Jidher li l-immobbli oġġett tal-irkant kien inxtara fiż-żwieġ u għaldaqstant *prima facie* jidher li Mariella Gatt għandha jedd li toġġezzjona li l-flus jiġu żbankati kollha minn żewġha"

Illi dan jirriżulta mhux biss fuq bażi *prima facie,* iżda issa dan jirriżulta b'mod definittiv f'dawn il-proċeduri wara li din il-Qorti kkonstatat l-fatti mill-provi li ġew prodotti mill-partijiet f'din il-kawża. Inkwantu tal-allegazzjonijiet tal-attur illi konvenuta kienet tieħu c-*children's allowances* filwaqt li qatt ma kkontribwiet għall-manteniment tat-tfal, meta skont l-attur hu kellu saħansitra jbigħ il-ġojjellerija u l-oġġetti prezzjużi mill-wirt tal-familja tiegħu biex irabbi, jeduka u jmantni t-tfal, l-attur ma ġabx imqar l-iċken prova ta' dan f'dawn il-proċeduri. Kien l-attur li ħareġ b'dawn l-allegazzjonijiet u għalhekk kien jispetta lilu li jġib prova tagħhom 'il għaliex kif inhu risaput mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, min jallega jrid jipprova dak li jkun allega u ċjoè *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat* u dan jgħidu ċar u tond l-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u hekk ġie ritenut b'mod kostanti fis-sentenzi tal-Qrati tagħna.[18] Madankollu f'dawn il-proċeduri l-attur ma ppruvax bl-ebda mod dawn l-allegazzjonijiet tiegħu u frankament il-Qorti tqis illi ma tantx tista' tagħti affidabilità lix-xhieda tal-attur tenut kont li f'parti oħra tax-xhieda tiegħu dan stqarr illi l-proprjetà li nbiegħet fl-

[18] **Dr. H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, Prim' Awla, 31 ta' Mejju 1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju, 1995 u **Anthony Azzopardi u Carmel sive Charles Azzopardi nomine *vs.* Lapsi Holdings Limited**, 19 ta' Jannar, 2015, Prim'Awla.

irkant 18/2014 kienet proprjetà parafernali tiegħu, meta dan mhuwiex minnu. Illi għalhekk irrispettivament mir-rilevanza o meno ta' dawn l-allegazzjonijiet tal-attur għall-vertenza odjerna, dawn ma jistgħux u mhux ser jiġu kkunsidrati għax ma nġiebu ebda provi in sostenn tagħhom waqt is-smigħ ta' din il-kawża.

Illi din l-Qorti frankament ma tistax tifhem kif fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-attur baqa' jippersisti f'dan ir-rigward fejn ma kellux raġun jagħmel dan:

> "Minbarra dan, kif iddikjara r-rikorrent kemm fl-affidavit illi ppreżenta u kemm in kontroeżami, l-art li fuqha ġiet mibnija d-dar li nbiegħet permezz tal-proċeduri ta' subbasta, kienet art parafernali tar-rikorrent. L-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili jirregola dak li għandu jiġi kkonsiderat bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti. In suċċint dan jikkonsisti f'dak kollu illi l-miżżewġin jakkwistaw wara ż-żwieġ. Iżda dak li huwa eskluż minn dan, huwa l-proprjetà parafernali tal-partijiet. Illi stante li l-art hija proprjetà parafernali tar-rikorrent, dak kollu li jinbena fuq din l-art jibqa' ikkunsidrat bħala proprjetà parafernali, anke jekk din l-art inbniet wara ż-żwieġ. Dan huwa hekk anke jekk sabiex tinbena d-dar intużaw flejjes komuni tal-partijiet. Ġialadarba d-dar inbniet fuq art li kienet tappartjeni lir-rikorrent, allura dik d-dar, stante li nbniet fuq art parafernali, tibqa' proprjetà esklussiva ta' dik il-parti, u f'dan l-każ tar-rikorrent.
>
> Illi għalhekk l-esponenti umilment jissottometti li stante li l-proprjetà li nbiegħet fil-proċeduri tas-subbasta, kienet proprjetà parafernali tiegħu, l-bilanċ li fadal wara li tħallsu l-kredituri kollha, huwa bilanċ li huwa dovut lir-rikorrent biss u m'għandux jiġi diviż mal-konvenuta."

Illi dawn l-asserzjonijiet tal-attur huma għalkollox fattwalment bla bażi u

legalment infondati.

**Kunsiderazzjonijiet ta' dritt**

Illi dak li huwa meħtieġ li jkun ikkunsidrat f'dan l-istadju huwa jekk b'xi mod l-effetti legali tas-sentenza tat-8 ta' Ġunju, 2011 jolqtux ukoll il-proprjetà li nbiegħet bis-subbasta minkejja li din il-proprjetà lanqas biss tissemma fis-sentenza imsemmija.

Illi qabel issir din l-evalwazzjoni, il-Qorti qiegħda qabelxejn tagħmel riferiment għal dawk il-partijiet tas-sentenza li ppronunzjat is-separazzjoni personali (Ċitazzjoni Nurmu 665/2002), li jittrattaw it-terminazzjoni u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, b'esklużjoni ta' dik il-parti dwar id-deheb li kien jappartjeni għall-wirt tal-attur, li m'għandha l-ebda relevanza għall-kontestazzjoni odjerna:

> "Komunjoni tal-Akkwisti
>
> Illi f'dan l-istadju jidher li ma hemmx assi fil-komunjoni, stante li kemm il-mobbli kif ukoll l-immobbli nbigħu fil-mori tal-kawża. L-immobbli, inkluża d-dar konjugali parafernali tal-konvenut, nbigħu bis-subbasta sabiex jiġi sodisfatt il-kreditu mal-banek, stante li l-konvenut iddikjara stat ta' falliment.
>
> In propożitu l-Qorti ma taqbilx mas-suġġeriment tal-perit legali li l-attriċi għandha tiġi kompensata talli l-immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti nbiegħu bis-subbasta, minħabba l-istat ta' falliment ta' żewġha.

Tosserva li dawn l-immobbli tal-komunjoni nbigħu biex jiġi sodisfatt debitu tal-tal-istess komunjoni; u għalhekk mhux il-każ li l-attriċi tiġi kompensata, stante li r-rikavat tal-prezz ġie mpjegat biex jiġi sodisfatt kreditu li jinkombi fuq iż-żewġ partijiet fi kwoti wgwali. Inoltre, anke id-dar konjugali parafernali tal-konvenut nbigħet bis-subbasta għall-istess skop.
Illi rigward l-mobbli elenkati mill-attriċi *a fols.* 94 u 95 tal-proċess [Appendiċi B], il-konvenut isostni li dawn huma, jew aħjar, kienu proprjetà parafernali tiegħu, u l-attriċi kienet aċċettat dan il-fatt, tant li, sakemm ħareġ ir-rapport tal-perit legali, hija ma għamlet ebda talba għal ħruġ ta' mandat kawtelatorju fuq l-oġġetti hemm deskritti. Jgħid, kemm fl-affidavit tiegħu, kif ukoll fid-depożizzjoni tiegħu quddiem din il-Qorti, li huwa kien biegħ dawn l-affarijiet ftit ftit sabiex jkun jista' jaqdi l-bżonnijiet ta' uliedu li kienu baqgħu jirrisjedu miegħu, filwaqt li hu kien qed jgħix fuq il-benefiċju soċjali. Huwa jgħid li b'kollox l-irkantatur kien tah is-somma ta' €8,153 [ekwivalenti għal LM3,500] ċirca.

In propożitu l-Qorti tosserva li, tenut kont tal-fatt li l-proprjetà mmobbli kollha tal-partijiet u anke dik parafernali tal-konvenut, nbiegħu bis-subbasta, huwa probabbli li dawn l-affarijiet inbiegħu wkoll. Inoltre, tenut kont li ulied -il partijiet baqgħu, minn rajhom, jgħixu mal-konvenut u li dan kien jara li ma kienx jonqoshom xejn u li baqa' jħallsilhom l-ispejjeż sakemm tlieta minnhom għamlu l-edukazzjoni terzjarja, mingħajr kontribut finanzjarju da parti tal-attriċi, huwa m'għandux jiġi tenut jirrestitwixxi nofs l-ammont lill-attriċi.......

...... [5] tilqa' il-ħames talba, u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti, u tillikwidha fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni tal-akkwisti....."

Illi minn din is-sentenza, jirriżulta li l-affarijiet mobbli veru ġew rilaxxjati f'idejn l-attur odjern, stante li skont kif jingħad ħa ħsieb it-tfal sakemm kibru, però dwar l-immobbli, bl-ebda mod ma jidher li din il-proprjetà mibjugħa bis-subbsta ġiet ikkunsidrata tant hu hekk din il-proprjetà lanqas biss tissemma f'dik is-sentenza. Fl-imsemmija sentenza ta' separazzjoni personali jingħad fil-fatt "illi f'dan l-istadju jidher li ma hemmx assi fil-komunjoni, stante li kemm il-mobbli kif ukoll l-immobbli

nbigħu fil-mori tal-kawża".[19] Fil-fatt li ġew ikkunsidrati kienu dawk l-immobbli kollha li nbigħu fil-mori ta' dik il-kawża u ssodisfaw il-kredituri, liema kredituri kienu ta' piż fuq il-beni kemm tal-attur u kemm tal-konvenuta stante dak iż-żmien in-negozju tal-attur kien ukoll jifforma parti mill-komunjoni.

Illi skont l-attur ladarba il-komunjoni tal-akkwisti ġiet xolta mill-mument li ngħatat is-sentenza, il-konvenuta m'għadx għandha dritt għall-bilanċ tar-rikavat mill-bejgħ tal-proprjetà bis-subbasta u dan, skont l-attur, b'applikazzjoni tal-artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili li jagħti d-dritt lill-Qorti tal-Familja li tittermina l-komunità tal-akkwisti.

Illi dak illi jsostni l-attur illi l-konvenuta m'għandhiex iktar sehem minn din il-proprjetà, huwa *non sequitur,* 'il għaliex la jsegwi loġikament u lanqas legalment. Dan għaliex bl-istess argument tal-attur, il-konvenuta tista' wkoll issostni li għall-istess raġuni l-bilanċ mir-rikavat ma għandu ebda sehem minnu l-attur għax il-komunità tal-akkwisti issa hija xolta.

Illi fir-realtà minn dakinhar tat-terminazzjoni tal-komunità tal-akkwsti ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap. 16, kull qligħ li kull parti għamlet, kien għall-parti li għamlitu u mhux aktar għall-komunità tal-akkwisti. Iżda dan ma japplikax għall-proprjetà mertu ta' din il-kawża, li mill-provi prodotti f'din il-kawża jirriżulta li din il-proprjetà kienet tagħmel parti mill-

[19] Paġna 8 tas-sentenza suċitata, *a fol.* 12 ta' dan il-proċess.

komunjoni tal-akkwisti u li nbiegħet wara s-sentenza tal-Qorti tal-Familja (Ċitazzjoni Nurmu 665/2002 NC) biex tissodisfa kompletament lill-kredituri u ħalliet anki bilanċ favur il-komunità tal-akkwisti. Għaldaqstant il-proprjetà mibjugħha bis-subbasta ma tissemmiex u ma kinitx milquta bl-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Familja u ma jistax b'xi mod jingħad li hemm xi sentenza *res judicata* dwarha.

Illi kif qalet sew il-Qorti li tat id-digrieti tad-19 ta' Ottubru 2015 u tat-30 ta' Novembru, 2015[20]:

> "Peress li hu evidenti li:
>
> i. L-immobbli li nbiegħu fl-irkant inbnew fuq art li nxtarat fil-25 ta' Awwissu, 1980 (ara l-atti tal-falliment 1599/2001);
> ii. Skont is-sentenza ta' separazzjoni, il-konjuġi Gatt iżżewġu fl-1 ta' Ġunju, 1979;
> iii. Bejn il-konjuġi Gatt kien hemm il-komunjoni tal-akkwisti li ġiet terminata bis-sentenza fit-8 ta' Ġunju, 2011. Il-fatt li l-immobbli oġġett tal-bejgħ bl-irkant ma ssemmewx fis-sentenza ta' separazzjoni ma jfissirx li ma kienux kompriżi fil-komunjoni tal-akkwisti.
>
> Dan ifisser li Mariella Gatt għandha jedd għal nofs ir-rikavat wara li l-proprjetà nbiegħet bl-irkant. Ir-rikorrent ma ressaq l-ebda argument validu li juri mod ieħor. Inoltre, l-intimata ma kellhiex bżonn tipparteċipa fil-proċeduri ta' falliment u l-fatt li ma pparteċipatx ma tilfitx il-jeddijiet tagħha bħala koproprjetarja tal-fond. Ir-rikorrent argument li "*...Mariella Gatt qatt ma żammet impreġudikat id-dritt tagħha sabiex fil-futur hija tieħu sehem tagħha ta' dak li allegatament qegħda tiddikjara illi kien parti mill-komunjoni tal-akkwisti."* Argument li m'għandu l-ebda bażi legali. Il-proprjetà ma tintilifx b'dak il-mod..."

[20] Digriet tat-30 ta' Novembru, 2015.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn il-konklużjonijiet u tagħmilhom tagħha u żżid tgħid (i) illi mill-provi prodotti jirriżulta illi mhux kontestat li l-proprjetà *de quo* inbniet fuq art li nxtrat wara ż-żwieġ tal-partijiet u kienet tifforma parti mill-komunità tal-akkwisti; (ii) illi l-istess proprjetà ma kinitx tifforma parti minn dawk l-immobbli li nbigħu biex jagħmlu tajjeb għall-kredituri li semmiet il-Qorti tal-Familja fis-sentenza tagħha, għax f'dan il-każ baqa' rikavat mill-bejgħ ta' din il-proprjetà; (iii) illi l-provenjenza ta' din il-proprjetà bl-ebda mod ma nbidlet bis-sentenza tas-separazzjoni li tterminat skont il-liġi l-komunità tal-akkwisti.

Illi l-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha tirritjeni illi l-proprjetà xorta baqgħet proprjetà indiviża bejn il-kontendenti u kwantu għar-rikavat li fadal, it-tnejn li huma għandhom dritt għan-nofs tiegħu.

Illi il-konvenuta kienet koproprjetarja tal-komunità tal-akkwisti u kellha tagħmel tajjeb għad-djun tal-komunjoni tal-akkwisti bħar-raġel. U ladarba mir-rikavat tal-bejgħ tal-proprjetà mis-subbasta baqa' bilanċ li ma ġiex meħud mill-kredituri, dan baqa' proprjetà indiviża taż-żewġ partijiet u l-attur mhux korrett meta jitlob dikjarazzjoni li l-konvenuta ma għandha ebda dritt għall-bilanċ mir-rikavat tal-bejgħ in subbsata nru 18/2014. Għaldaqstant l-attur lanqas għandu raġun jitlob għar-revoka tad-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2015.

Illi jifdal fl-aħħar nett tliet punti legali oħra sussidjarji li jeħtieġ ikunu kkunsidrati. Il-konvenuta teċepixxi b'mod preliminari l-irritwalità u n-nullità tar-rikors promotur odjern stante li ma ntalabx it-tħassir tad-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2015. Din l-asserzjoni tal-konvenuta però mhijiex korretta peress li t-tielet talba tal-attur hi proprju għat-tħassir ta' dak id-digriet. Għalkemm strettament din it-talba suppost saret bħala t-tieni talba u ċjoè qabel ma ġiet mitluba dikjarazzjoni li l-konvenuta m'għandiex dritt għan-nofs mir-rikavat tas-subbasta, iżda xorta jibqa' l-fatt li din it-talba saret u għaldaqstant l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta m'għandhiex tiġi milqugħa.

Illi b'mod preliminari wkoll ġie eċċepit mill-konvenuta li din il-Qorti għandha tastjeni milli tagħmel dikjarazzjoni li l-komunità tal-akkwisti ġiet xolta bis-sentenza tat-8 ta' Ġunju, 2011 stante li din diġà ġiet hekk iddikjarata bis-sentenza imsemmija. Din il-Qorti taqbel ma' dan u għalhekk it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta għandha tkun milqugħa.

Fl-aħħar nett, u dan isir aċċenn għalih fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuta, filwaqt li l-attur meta għamel id-dikjarazzjoni ordnata lilu minn din il-Qorti kif diversament preseduta bid-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2015, anki jekk b'riżerva u taħt protesta, jidher li wara kien sar rikors ieħor mill-attur fl-14 ta' Jannar 2016[21], minħabba li meta l-attur kien qed jittenta jagħmel żbank ta' nofs l-ammont ta' €130,000, irriżulta

[21] *A fol.* 36 tal-proċess.

illi s-soċjetà HSBC Bank (Malta) p.l.c. kienet qed tivvanta kreditu kontrih ta' €18,634.94 u għaldaqstant talab li mill-ammont ta' €130,000, jitħallew biss €20,000 depożitati biex jagħmlu tajjeb għal dan il-kreditu tal-HSBC biex hu ikun jista' minflok €65,000 jiżbanka €55,000. Dan, il-konvenuta fin-nota tagħha tgħid, ma jirriflettix l-ammont li l-istess attur fir-rikors promotur odjern qed jgħid li għandu jiżbanka, ċjoè €130,000. Dan ukoll huwa minnu u x'aktarx huwa punt li sfuġġa lill-attur, però din il-Qorti kif preseduta kif għamlet din l-Qorti kif diversament preseduta li tat id-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2015 mhux ser tindika ebda ammont f'din is-sentenza, iżda sempliċement se tiddikjara li wara li jitħallsu l-kredituri kollha, l-ispejjeż u taxxa, mill-bilanċ li jifdal, nofs għandu jiġi żbankat mill-attur u n-nofs l-ieħor mill-konvenuta.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq spjegati l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**(1) Tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta;**

**(2) Tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta;**

**(3) Tiċħad l-ewwel talba tal-attur u tiddikjara li din it-talba hija waħda superfluwa stante li s-sentenza fl-ismijiet Mariella Gatt**

***vs.*** **Joseph Gatt tal-Qorti tal-Familja tat-18 ta' Ġunju, 2011 kienet diġà ddikjarat xolta il-komunità tal-akkwisti bejn il-partijiet;**

**(4) Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet tal-attur u tikkonferma d-digriet tad-19 ta' Ottubru, 2015 fl-atti tal-bejgħ bl-irkant 18/2014, u tordna għalhekk illi wara li jitħallsu l-kredituri rimanenti, l-ispejjeż ġudizzjarji u t-taxxa, nofs il-bilanċ tar-rikavat li jkun fadal għandu jiġi żbankat mill-konvenuta u n-nofs l-ieħor tal-bilanċ mir-rikavat għandu jiġi żbankat mill-attur.**

**Bl-ispejjeż a karigu tal-attur.**

Moqrija.